# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI PRELIMINARI NUMRU 2195

**Chairperson Avv. Vanessa Vella**

Kaz Nru. 2992/VV

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Dott Eur Eng Brian Azzopardi**

**U**

**Malta College of Arts, Science and Technology (MCAST)**

dwar allegata rizenja mill-kuntratt ta' mpjieg

**Seduta tat-18 ta' Jannar 2013**

Permezz ta' din id-decizjoni qed tigi deciza l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Avukat Peter Fenech f'isem il-Kullegg Intimat fid-Dikjarazzjoni tal-Fatti tal-Kaz prezentata fit-12 ta' Settembru, 2012, liema eccezzjoni tghid li r-rikors tar-Rikorrent huwa *fuori termine.*

Fatti

Illi dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali fl-24 ta' Jannar 2012 permezz ta' Dikjarazzjoni tar-Rikorrent Dott Eur Eng. Brian Azzopardi u Rikors Promotur fejn spjega fid-dettal il-fatti u l-aggravvji tieghu dwar il-kuntratt ta' mpjieg tieghu li wasslu biex jigu intavolati il-proceduri.

Illi fir-Risposta ghad-Dikjarazzjoni tal-Fatti tar-Rikorrent prezentata fit-12 ta' Settembru 2012, il-Kullegg Intimat, preliminarjament eccepixxa l- eccezzjoni tal-*fuori termine* tar-rikors tar-Rikorrent ghar-ragunijiet indikati iktar fid-dettal fl-istess Dikjarazzjoni fejn qed jinghad li l-impjegat ta r-rizenja tieghu fid-19 t'Awissu 2011, liema rizenja giet accettata mill-Kullegg Intimat f'korrispondenza mibghuta lilu fil-31 t'Awissu 2011 u kkomunikata fl-istess gurnata lill-Korporazzjoni Impjieg u Tahrig (ETC). Tkompli tghid ir-risposta illi r-Rikors tar-Rikorrent gie pprezentat fit-12 ta' Jannar 2012 u ghalhekk it-talbiet tieghu ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra r-Rikorrent.

Illi r-Rikorrent irrisponda fil-25 ta' Settembru 2012 fejn wara li kkjarifika b'mod ferm dettaljat il-posizzjoni tieghu dwar il-korrispondenza li giet skambjata bejnu u il-Kullegg Intimat liema ittri u korrispondenza gew annessi mar-Risposta, sostna li d-data 10 t'Ottubru 2011 ghandha titqies bhala l-avviz tat-tmiem tal-impjieg tar-Rikorrent mill-Korporazzjoni Impjieg u Tahrig (ETC) u li hija d-data li tirrapprezenta l-bidu tal-gimgha meta r-Rikorrent ircieva l-ittra bil-posta.

Illi sussegwentement, fis-seduta li nzammet fis-16 ta' Novembru 2012 l-abbli difensur tal-Kullegg Intimat ittratta dwar jekk id-Dikjarazzjoni tal-Fatti tar-Rikorrent kienx maghmul fiz-zmien preskritt mill-ligi b'replika tar-Rikorrent u kontro-replika tal-Intimat.

**Kunsiderazzjonijiet**

Dan it-Tribunal ra l-atti kollha ta' dan il-kaz inkluz kopji ta' korrispondenza skambjata bejn ir-Rikorrent u l-Kullegg Intimat kif wkoll l-affidavit tal-ufficjal tal-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig (ETC) Christian Borg datat 16 ta' Novembru 2012 fejn bil-gurament iddikjara illi skond il-vera kopja ta' l-*Employment History* tar-Rikorrent jidher li,l-impjieg ma' Malta College of Arts Science & Technology (MCAST) spicca fil-31 t'Awissu 2011.

Hu opportun li f'dan l-istadju t-Tribunal jaghmel riferenza ghal Artikolu 75(3) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta illi hu relevanti ghal din id-decizjoni li jghid li kull riferta maghmula skond l-istess Artikolu ghandha ssir permezz ta' dikjarazzjoni li ssemmi l-fatti tal-kawza pprezentata fir-Registru tat-Tribunal u ghandha fil-kazijiet kollha,hekk tigi prezentata mhux iktar tard minn **erba' xhur mid-data effettiva tal-ksur allegat.**[1]

Kif gia' iktar 'l fuq osservat, ir-Rikorrent qed jghid li t-terminu li japplika biex tigi interposta l-kwistjoni ghal quddiem dan it-Tribunal jiddekorri minn dakinhar li r-Rikorrent ikun ircieva n-notifika mill-ETC u in bazi ghal dan il-fatt ir-Rikorrent jikkontendi li l-kwistjoni tieghu ma jistax jitqies li sar *fuori termine* ghaliex l-Kullegg Intimat qatt ma agixxa fuq korrispondenza li bdiet mir-Rikorrent fil-25 t'Ottubru 2011 biex tkun spjegata n-notifika tal-ETC datata 1 t'Ottubru 2011.

It-Tribunal pero ma jaqbilx ma din il-kontestazzjoni tar-Rikorrent. Fid-dawl tal-fatti prezentati u d-dokumenti ezebiti, jirrizulta li l-impjieg tar-Rikorrent spicca fil-31 t'Awissu 2011 filwaqt li d-Dikjarazzjoni tal-Fatti tal-Kaz u r-Rikors Promutur gew intavolati mir-Rikorrent fl'24 ta' Jannar 2012 jigifieri erba' xhur u 24 gurnata mid-data effettiva tal-ksur allegat, cioe' 31 t'Awissu 2011, liema data hija kkonfermata bil-gurament mill-ETC permezz t'Affidavit gia' msemmi.

[1] Enfasi tat-Tribunal

Sewwa hafna gie ritenut mill-Qorti tal-Appell f'diversi sentenzi illi "l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-procedura quddiem il-Qorti u quddiem it-Tribunal huma ta' Ordni pubbliku ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula."[2]

**Decide**

Wara li ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' t-trattazzjoni u ikkonsidra b'reqqa il-fatti u cirkostanzi tal-kaz, tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Kullegg Intimat tiddikjara li d-Dikjarazzjoni tal-Fatti tal-Kaz u r-Rikors Promotur gew intavolati *fuori termine* u konsegwentament ghandu jitqies irritu u null.

Ghaldaqstant, dan it-Tribunal ghalhekk ma jistax jiehu konjizzjoni tal-mertu tad-Dikjarazzjoni tal-Fatti tal-Kaz u r-Rikors Promotur.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mir-Rikorrent.

(iffirmat)
Dr Vanessa Vella
Chairperson

VERA KOPJA

G Spiteri
Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju

[2] Giuseppe Caruana vs Charles Psaila, Appell mill-Bord li jirregola l-kera, 21 ta' Marzu 1997